MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tat-8 ta' Marzu, 2012

Numru. 3/2010

**Il-Pulizija
(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**
**Gregory Spiteri ta' 64 sena bin Michael u Josephine nee' Mallia, imwieled Kercem, nhar it-28 ta' Novembru 1945 residenti fil-fond numru Jackpot, Triq is-Sarg, Kercem u detentur tal-karta ta'l-identita' numru 98145(G)**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi Gregory Spiteri li gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, gewwa Kercem, nhar il-25 ta' Marzu 2009 u fis-snin ta' qabel:

a. Zamm lil xi ghasfur, kemm haj jew mejjet, jew parti minn xi ghasfur li l-kacca jew it-tehid tieghu huma projbiti

taht dawn ir-regolamenti ta'l-2006 dwar il-konservazzjoni ta'l-ghasafar selvaggi (A.L.79 ta' l-2006) kontra id-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti liema ghasafar ma kenux iddikjarati u registrati mal-Awtorita kompetenti sal-31 ta' Mejju 2003 u minghajr ma kien inghata l-permessi, jew ic-certifikati mill-Awtorita Kompetenti sabiex izomm dak l-ghasfur (regolament 4(1)(e) tal-Avviz Legali 79 tal-2006 hekk kif emendat bl-A.L.39 ta' l-2007 u l-A.L. 280 ta' l-2007);
b. Zamm ghasafar, kemm hajjin kemm mejtin, jew parti minn xi ghasafar mhux imsemmijin l-Iskeda II jew l-Iskeda III tar-regolamenti ta' l-2006 dwar il-konservazzjoni ta' l-ghasafar selvaggi (A.L. 79 ta' l-2006 regolament 4(1)(f) ta' l-A.L. 79 ta' l-2006 hekk kif emendat bl-A.L. 39 ta' l-2007 u l-A.L.280 tal-2007);
c. Kellu fil-pussess tieghu xi ghasfur jew ghasafar ibbalzmati li l-ispeci taghhom mhux inkluza fl-Iskeda III li tinsab mar-regolamenti ta' l-2006 dwar il-konservazzjoni ta' l-ghasafar selvaggi (A.L.79 ta' l-2006) u li ma kenux gew irregistrati mas-Sezzjoni fiz-zmien stipulat (reolament 21(5) ta'l-A.L. 79 ta' l-2006 hekk kif emendat);
d. Ittrasferixxa jew b'xi mod iehor iddispona minn xi ghasfur imsemmi fis-subregolament (1)(e) tar-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni ta'l-Ghasafar Selvaggi minghajr ma ghamel talba lid-Direttur u dan bi ksur tal-Artikolu 4(2) tal-Avviz Legali 79 tal-2006, hekk kif emendat.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Semghet trattazzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi akkwiziti jirrizulta illi minn stharrig li ghamlet il-pulizija fir-residenza tal-imputat gew elevati numru sostanzjali ta' ghasafar ibbalzmati li kienu proprjeta tal-imputat. Illi mix-xhieda ta' Stanley Gatt, Senior Environment Protection Officer fi hdan l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar jirrizulta illi fl-1998, l-imputat

kien iddikjara kollezzjoni ta’ ghasafar ibbalzmati.[1] Illi l-pulizija madanakollu elevat l-ammont ta’ 73 tajra mill-pussess tal-imputat kif jidher mill-elenku maghmul mill-istess Gatt.[2] Illi minn ezami tat-tajr maqbud u d-dikjarazzjoni maghmula mill-imputat fl-1998 hargu s-segwenti rizultanzi:

1. kien hemm l-ammont ta’ 34 tajra li ma kinux iddikjarati fid-Dokument SG1 u cioe’ d-dikjarazzjoni maghmula mill-imputat mal-Awtorita fl-1998.[3] Dana huwa tajr protett bil-ligi u ghalhekk ma setax ikun fil-pussess tal-imputat minghajr id-debita awtorizazzjoni. Uhud minn dawn it-tajr huwa wkoll tajr li huwa mhares b’mod specjali bil-ligi taht l-Iskeda I tal-Avviz Legali 79 tal-2006.
2. kien hemm ukoll numru zghir ta’ tajr illi minkejja li kien gie ddikjarat mill-imputat fid-dikjarazzjoni tal-1998, dawn ma kinux aktar fil-pussess tieghu u ghalhekk huwa kien iddispona minnhom minghajr id-debita awtorizazzjoni.[4]

Illi l-imputat ma jixhidx f’dawn il-proceduri u ma jressaqx provi sabiex jirribatti l-provi migjuba mill-prosekuzzjoni. Ghaldaqstant ma hemmx dubbju illi l-akkuzi jirrizultaw ampjament ippruvati. Madanakollu billi t-tieni u t-tielet akkuzi huma komprizi u involuti fl-ewwel akkuza, il-Qorti sejra tghaddi biex tapplika dak dispost l-artikolu 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat ir-regolamenti 4(1)(e)(f), 4(2), 21(5), 27(3)(a), u l-Iskeda I u III tal-Avviz Legali 79 tal-2006 kif sussegwentement emendat bl-Avvizi Legali 39 tal-2007 u 280 tal-2007 u l-artikolu 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah multa ta’ €500.

Il-Qorti tordna l-konfiska tal-ghasafar indikati fid-Dokument SG4.

---

[1] Ara dikjarazzjoni Dokument SG1 a fol.18 tal-process

[2] Ara elenku ta’ tajr elevat minn ghand l-imputat Dokument SG3 a fol.22 et. Seq.

[3] Dokument SG4 a fol.27 et. seq.

[4] Ara Dokument SG5 a ol.30

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------